MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - DROGI

**MAGISTRAT DR.**
**HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2001

Numru 19/1999

**Il-Pulizija**
**(Sp. Neville Aquilina)**

**vs**

**Guzeppi Caruana ta' 43 sena, iben Joseph u Antonia nee Zammit, imwieled Zurrieq Fil-25-3-1956, u joqghod Ellul Flats, No. 2, Triq K. Darmanin, Pieta' jew 13, Trejqet l-Iben il-Hali, Zurrieq, numru tal-karta ta' l-identita' 288256(M).**

**Illum 31 ta' Lulju, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Guzeppi Caruana li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fil-31 ta' Awissu, 1999, u f'din l-ahhar sena qabel din id-data,

(a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina u kokaina, specifikata fl-ewwel skedta ta' l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijeit ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/l minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G. N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta.

(b) kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina u kokaina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

(c) U aktar talli Guzeppi Caruana, fl-istess data u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-artiklu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

(d) U aktar talli f'dawn il-gzejjer fil-31-8-1999, kellu fil-pussess tieghu arma (air pistol tal-marka Walther) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

(e) U kif ukoll, talli fl-istess data, ghall-habta tat-3.05 p.m. f'dawn il-Gzejjer, saq vettura numru tar-registrazzjoni CAF 871 tal-marka Daewoo Racer b'manjiera perikoluza, negligenti, u kif ukoll b'sewqan eccessiv.

(f) Kif ukoll talli fl-istess data Guzeppi Caruana saq l-istess vettura kontra l-One Way Traffic.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali datat 28 ta' Novembru, 2000 (a fol 129) u cioe: Art 2, 3, 19 tal-Kap 66, Art 15(1)(a)(3) tal-Kap 65 kif ukkoll l-ordni ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat il-verbal ta' l-4 ta' Dicembru, 2000 fejn l-akkuzat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu (a fol 12).

Konsiderando l-ammissjoni ta' l-imputat fi stadju bikri ta' l-iter kriminali ssibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikolu 2, 3, 19 Kap 66 u l-art 15 tal-Kap 65 u 22(2)(b)(1) kif ukoll l-artikolu 29 ilkoll tal-Kap 9 u ghaldaqstant qed tikkundannah erba' snin habs li minnhom ghandu jitnaqqas l-arrest preventiv, tikkundannah ukoll biex ihallas il-multa ta' elf lira Maltin (Lm 1000). Tordna wkoll li kwalunkwe droga esebita jekk ikun il-kaz ghandha tigi distrutta u ghal dan l-iskop qeghda tahtar lil Ispizjar Mario Mifsud.

Rat ukoll l-artikoli tal-Kap 66, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-airpistol gia esebita fl-atti.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.